L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 31 ta' Jannar, 2003

## Janus Ewropew

Bil-mod il-mod qed johrog fid-deher, il-gejjieni veru Ewropew immexxi minn Janus –figura Rumana fejn il-gisem kollu hu mmexxi minn ras b'zewg ucuh. U fil-fatt hekk hu! Bil-mod il-mod qed jinfetah il-ktieb tal-gejjieni ta' l-UE fejn il-gidem – il-pajjizi kollha membri se jkunu mmexxija minn ras doppja maghmula mill-Francizi u mill-Germanizi.

Sa ftit ilu ktibt artiklu bl-isem *Bruderschafte Fraternité* fejn kont iddiskutejt kif fil-fatt ghajr Franza u l-Germanja m'hemmx li huma ugwali bejn l-istati digà membri fl-UE.

Hawn hafna xettici li jallegaw li bl-UE l-ikbar zewg stati Ewropej – Franza u l-Germanja – dak li ma rebhux bil-bombi fil-passat rebhuh issa bid-demokrazija u bl-istennija.

Dan kollu mhux iswed, ghax hadd ma bata bombi, imma tajjeb li nkunu ghajnejna miftuhin halli jekk nidhlu, u "jekk" kbira, inkunu ghajnejna miftuhin. Insomma proprjament il-Gvern irid jiftah ghajnejn u hadd aktar!

Kumbinazzjoni u "KUMBINAZZJONI" kbira… Fl-istess zminijiet fejn l-UE qieghda tikkontempla li tammetti fil-klabb taghha, aktar pajjizi godda qeghdin joholqu certi hbiberiji zejda bejn Franza u l-Germanja.

Il-pajjizi membri huma kollha involuti fid-diskussjonijiet fil-Konvenzjoni fuq il-gejjieni ta' l-Ewropa (u mhux ta' l-Unjoni tinsewx) imma, ghal min ma jafx, mentri l-istati kolha membri qeghdin jiddiskutu fuq livell ta' Unjoni flimkien, fil-ghaxijiet tas-satra ta' l-ufficini taghhom, boghod mill-forum ta' l-UE, Franza u l-Germanja qeghdin jiltaqghu bejniethom halli jhejju car u tond, iswed fuq l-abjad, l-intenzjonijiet taghhom tal-kuncett gdid fil-qasam Ewropew li ssejjah il-*Core Europe* – imma jekk hemm ilsien li tista' tiddeskrivi sa l-ahhar dettal x'jigifieri *Core Europe* hu zgur l-ilsien Malti. Dan ghaliex kieku kellna naqilbu din il-frazi ghall-Malti, tigi "l-Ewropa tal-Qalba" u veru tal-qalba!

L-intenzjoni tal-Germanizi u l-Francizi hi wahda innocenti ferm. Huma se jippreparaw id-dokument biex imbaghad b'mod xejn demokratiku jipprezentawh lill-istati membri l-ohra ghall-approvazzjoni.

Donnhom li Chirac u Schroeder tghallmu fl-ahhar il-qawl Malta li "bil-kelma t-tajba tohrog il-far mit-toqba!" Ha nghiduha kif inhi, mhux ghax li tlesti dokument u taghtih lill-istati l-ohra hali jibilghuh, hija xi "kelma tajba" imma bid-demokrazija wara 40 sena, qeghdin jiehdu li jridu.

U dan kollu jrid jitlesta qabel ma stati ohrajn applikanti jkollhom id-dritt jivvotaw fuq l-istess mejda ma' l-istati digà membri. Hiex qisha mahduma?

U x'inhu dan id-dokument li qeghdin jippreparaw? Ghal dak li forsi ma jafux, il-proposta hi wahda konkreta li UE tal-gejjieni tkun immexxija minn zewg Presidenti. Wiehed ikun il-President tal-Kummissjoni elett mill-Parlamenti Ewropew u l-iehor, il-President tal-Kunsill elett mill-membri tal-Kunsill stess. Fin-nofs jizzeffen ukoll il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew elett mill-Kunsill. U a skapitu ta' x'hiex? Dan kollu a skapitu li titnehha darba ghal dejjem is-sistema ta' rotazzjoni ta' Presidenta tal-Kummissjoni Europea, cioè, li kull stat membru s'issa kull sitt xhur kien imexxi hu l-Kummissjoni Europea.

Fil-fatt, il-pajjizi z-zghar, fosthom l-Irlanda u l-Awstrija (li huma hafna ikbar minn xi Malta) huma kontra li titnehha din is-sistema ghax jikkuntentaw imexxu l-Kummissjoni ghal sitt xhur darba kull

12-il sena u nofs (fl-Unjoni ta’ 25 membru) milli jitilfu d-dritt li minn zmien ghal zmien, twil kemm hu twil iz-zmien, ghandhom garanzija li xi darba jiehdu ftit tar-riedni f’idejhom (*almena de jure*!)

Fi kliem iehor, il-proposta Franko-Germaniza tnehhi kull dritt il-pajjiz ghandu ghall-presidenza tal-Kummissjoni u thalliha f’idejn il-ligi tal-gungla biex jintaghzlu l-Presidenti – li jekk wiehed joqghod naqra attent ma jdumx ma jifhem li qeghdin jaghmlu dan ghax proprju mohhhom mistrieh mid-dominanza li digà jgawdu. Jekk wiehed jinnota, dan l-ahhar f’dawn l-artikli, ma ktibtx hafna fuq l-istrutturi ta’ tmexxija ta’ l-Unjoni. U ghal dan nemmen li kien hemm raguni aktar milli valida.

U qieghda nghidilkom minn issa, biex kull ma taqraw ma toqoghdux fuqi! Ghax lanqas jien ma jien qieghda noqghod fuq l-Unjoni!

Jista’ jkun li dan se jkun l-ahhar pjan ta’ Franza u l-Germanja, imma innotaw kemm tlifna digà hin nitwebblu bis-sistema ta’ rotazzjoni u b’kemm hi sistema demokratika, mentri issa qieghda ssir pressjon biex titnehha darba ghal dejjem! Jien stess kont ktibt artiklu jismu “Rotazzjoni Konvenjent!” Jien hsibt li s-sistema ta’ rotazzjoni se tibqa’ imma jehilsu minnha bil-pulit billi jaghtuna l-presidenza fi zmien meta affarijiet li ma naqblux maghhom ikunu digà gew konkluzi – imma issa lanqas is-sistema ta’ rotazzjoni tal-Presidenza m’hi se tibqa’ hemmhekk!

Anzi jien forsi waqajt naqra ghac-cajt ghax twebbilt bir-rotazzjoni, u ghedt kif din ukoll tista’ tintuza hazina minn min tabilhaqq imexxi l-UE ahseb u ara l-Gvern jew ta’ l-“IVA” li ilhom is-snin jgibuha bhala ezempju ta’ kemm Malta se jkollha poter fl-Unjoni! Imma bilhaqq, insejt li dawn infurraw wicchom ghall-gideb, u ghal li jibilghu kliemhom wara min jaf kemm-il darba jkunu qaluh u sostnewh u rrepetewh! Il-Gvern stess qed jinnegozja affarijiet li qeghdin ikunu skaduti ezatt kif ikun infirma ghalihom!

Il-battalja fl-Ewropa hi wahda mlibbsa libsa tad-demokrazija, imma m’hi demokratika xejn! Fl-ahhar qeghdin jinkixfu l-ucuh tal-Janus Ewropew – Janus li ironikament mhux Roman din id-darba, imma Franko-Germaniz!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*